MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 2148/1998/1

**Doris APAP**

**vs**

**Maria Konċetta *sive* Connie CACCIATTOLO, Nażżareno Debono u Joseph Ellul**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Ottubru, 1998, li bih l-attriċi ippremettiet;

Illi fis-17 ta' Frar 1959 u fit-18 ta' Lulju 1995 mietu (Dok. "A" u "B") rispettivament l-konjuġi Giuseppe Debono u Giorgia Debono nee' Abela gia' armla ta' Edwin Thomas Bowdler, il-ġenituri tal-kontendenti ad eċċezzjoni ta' Joseph Ellul;
Illi d-defunt Giuseppe Debono iddispona minn ġidu in forza ta' testment "unica charta" tas-27 ta' Novembru

1944 (Dok. “C”) in atti Nutar Oscar Azzopardi, u in forza tiegħu wara li huwa ħalla xi legati huwa nnomina bħala universali proprjetarji tiegħu “lil uliedhu talvolta naxxituri u lil Maria Dolores Borg (in segwitu żżewġet lil Carmelo Ellul) kullħadd daksinsew”;

Illi miż-żwieġ bejn il-konjuġi Debono twieldu tlett itfal, u ċioe l-kontendenti ad eċċezzjoni ta’ Joseph Ellul, u għalhekk l-eredita’ ta’ Giuseppe Debono ddevolviet kwart (1/4) kull wieħed mill-attriċi, l-konvenuti Nazzareno Debono, Maria Concetta sive Connie Cacciattolo, u Maria Dolores Borg li żżewġet lil Carmelo Ellul;

Illi l-imsemmija Giorgia Debono iddisponiet minn ġidha in forza ta’ testment tad-29 ta’ April 1993 (Dok. “D”) in atti Nutar Antoine Agius, u in forza tiegħu wara li ħalliet xi legati innominat lill-konvenuta bintha Maria Concetta sive Connie Cacciattolo kwantu għan-nofs (1/2) indiviż, lill-konvenut binha Nazzareno Debono kwantu għall-kwart (1/4) indiviż, u lil Maria Dolores mart Carmelo Ellul għar-rimanenti kwart (1/4) indiviż, fil-waqt li lill-attriċi ħallietilha l-leġġittima spettanti lilha skond il-Liġi;

Illi Maria Dolores mart Carmelo Ellul mietet intestata fit-23 ta’ Ġunju 1997 (Dok.”E”) u wiritha l-unika binha l-konvenut Joseph Ellul;

Illi wara l-mewt ta’ Giorgia Debono, omm l-attriċi, l-konvenuta Maria Concetta sive Connie Cacciattolo għaddiet għad-dikjarazzjoni “causa mortis” in forza ta’ kuntratt tat-8 ta’ Jannar 1996 (Dok. “F”) in atti tan-Nutar Antoine Agius, kif korrett b’att ieħor tan-Nutar Antoine Agius ta’ l-10 ta’ Ġunju 1996 (Dok. “G”), u mingħajr l-awtorizzazzjoni ta’ l-attriċi u ad insaputa tagħha l-imsemmija konvenuta deheret fuq dawn iż-żewġ atti għan-nom ta’ l-istess attriċi;

Illi l-attriċi ma tridx tibqa’ tippossjiedi in komuni mal-konvenuti l-oħra, u anzi trid ukoll li tiġi assenjata u likwidata il-leġittima spettanti lilha skond il-Liġi mill-assi ta’ ommha Giorgia Debono;

Għaldaqstant, l-attriċi titlob lil din l-Onorabbli Qorti għalxiex ma għandhiex għar-raġunijiet premessi;

1. Tillikwida l-assijiet ereditarji tal-mejtin Giuseppi Debono u Giorgia Debono kompriża l-kommunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom u l-assi dotali u parafernali tagħhom billi jiġi dikjarat li jikkonsistu f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

2. Tordna li l-assi tal-mejjet Giuseppe Debono hekk likwidati jiġu maqsuma u assenjati lill-kontendenti fi kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom;

3. Tillikwida u tistabilixxi l-leġittima dovuta lill-attriċi mill-wirt tal-mejta ommha Giorgia Debono;

4. Tikkundanna lill-konvenuti solidament jassenjaw lill-attriċi l-istess leġittima "in natura" hekk likwidata u jħallsu dik is-somma li tista' tiġi likwidata, bil-frutti skond il-Liġi, għas-sadlu tad-drittijiet tagħha ta' l-assi ta' Giorgia Debono;

5. Tinnomina, jekk ikun il-każ, periti għall-fini tal-likwidazzjonijiet u diviżjonijiet meħtieġa;

6. Tiddikjara illi l-konvenuta Maria Concetta sive Connie Cacciattolo ma kellha l-ebda awtorita' mingħand l-attriċi li tidher għan-nom tagħha fuq il-kuntratt ta' Dikjarazzjoni "Causa Mortis" tat-8 ta' Jannar 1996, (Dok. "F") u fuq l-att korrettorju ta' l-10 ta' Ġunju 1996 (Dok. "G");

7. Tannulla l'fuq imsemmija żewġ kuntratti in kwantu dawn jolqtu lil attriċi peress illi hija qatt ma awtorizzat lill-konvenuta Maria Concetta sive Connie Cacciattolo biex tidher fuqhom għan-nom tagħha, u tagħti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan il-każ;

8. Tinnomina Nutar għall-publikazzjoni tal-kuntratti opportuni u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;

9. Illi f'każ li jirriżulta li l-beni in diviżjoni jew uħud minnhom mhumiex komodament diviżibbli, tordna l-bejgħ tagħhom in liċitazzjoni bl-ammisjoni ta' l-oblaturi estranei.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tat-18 ta' Awissu 1997, ta' l-20 ta' Settembru 1997, tat-8 ta' Ottubru 1997, tat-30 ta' Ottubru 1997, u ta' l-20 ta' Novembru 1997, kontra l-konvenuti minn issa nġunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi, flimkien mas-seba' (7) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-20 ta' April, 1999, li biha l-imħarrkin eċċepew;

1. Illi l-esponenti qatt ma ċaħdu lill-attriċi milli tieħu sehmha mill-wirt ta' missierha u l-leġittima mill-wirt ta' ommha, u kienet l-attriċi li kienet tirrifjuta li jintlaħaq ftehim biex dawn il-wirt jiġu likwidati bonarjament, salv, ovvjament, li jiġu rispettatti l-kuntratti u t-testmenti li kienu għamlu l-ġenituri, u salv li jitnaqqsu id-djun kollha tal-wirt;

2. Illi l-esponenti Maria Concetta sive Connie Cacciattolo irrendiet diversi sserviġi lill-ommha Giorgia Debono u għall-dawn is-serviġi qed tressaq id-debita kontro-talba biex jiġi likwidat u mħallas l-kumpens dovut lilha;

3. Illi l-esponenti Maria Concetta sive Connie Cacciattolo meta aġġixxiet fl-interess tal-eredita' għamlet dan fl-interess ta' kulħadd u għax ħasbet li setgħet taġixxi kif aġixxiet;

Salv, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imġarrkin;

Rat il-kontro-talba mressqa mressqa mill-imħarrka Maria Conċetta Cacciattolo flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet li biha ippremettiet;

Illi l-esponenti Maria Concetta sive Connie Cacciattolo irrendiet diversi serviġi lill-ommha Giorgia Debono, kienet iddur biha u tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tagħha;

Illi dan is-servizzi ġie res għall-żmien twil u kien jinvolvi anke għajnuna lill-istess Giorgia Debono meta din kienet mixħuta f'sodda;

Illi għall-dan is-servizz li ġie mwiegħed lilha kumpens li għandu jitħallas lilha mill-wirt tal-istess ommha Giorgia Debono, bħala dejn tal-istess wirt, qabel ma tiġi kkalkulata l-leġittima tal-attriċi;

Illi l-attriċi kienet dejjem toħloq ostakolu biex jintlaħaq ftehim bonarju fuq il-kwistjonijiet kollha riżultanti mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti;

Jgħidu għalhekk il-kontendenti l-oħra għalhiex, għar-raġunijiet premessi, m'għandhiex din il-Qorti;

1. Tiddikjara li l-konvenuta Maria Concetta sive Connie Cacciattolo irrendiet diversi serviġi lill-ommha Giorgia Debono, għal-liema serviġi hija intitolata kumpens;

2. Tillikwida il-kumpens dovut lill-imsemmija Maria Concetta sive Connie Cacciattolo għall-dawn is-serviġi resi, occorrendo bl-opera ta' perit nominand;

3. Tinkludi dan il-kumpens bħala dejn fil-, u, għall-fini tal-likwidazzjoni, tnaqqas din is-somma mill-wirt tal-mejta Giorgia Debono, u

4. Tikkundanna lill-attriċi sabiex tħallas lill-imsemmija Maria Concetta sive Connie Cacciattolo sehemha mill-kumpens li jiġi hekk likwidat favur l-esponenti minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċċjali tat-18 ta’ Lulju, 1997, kontra l-attriċi li hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrka rikonvenzjonanti;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fl-4 ta’ Mejju, 1999, li biha u għar-rigward tat-talba rikonvenzjonali eċċepiet;

1. Illi l-Kontrotalba hija rrita u nulla peress illi waħda biss mill-konvenuti u f’dan il-każ mingħajr l-assistenza ta’ żewġha li mhux parti in kawża ma tistax tipproponi Rikonvenzjoni kontra l-eċċipjenti;

2. Illi bla preġudizzju għall-premess l-eċċipjenti attriċi rikonvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi r-Rikonvenzjoni tal-konvenuta rikonvenjenti għall-ħlas tas-serviġi allegatament reżi lil ommha Giorgia Debono mhijiex proponibbli kontra l-attriċi qua leġittimarja;

3. Illi ukoll a preġudizzju għas-suespost u fil-mertu f’każ li ġew reżi xi serviġi dawn għandhom jiġu limitati għal dawn l-aħħar ħames (5) snin (Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili), u fi kwalunkwe każ dawn ma sarux bl-isperanza ta’ kumpens u ġew ampjament kompensati mid-decujius stess;

4. Salvi eċċezzjonijiet permessi mill-Liġi.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat is-Sentenza preliminari mogħtija fit-3 ta’ Mejju, 2000[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra qieset bħala irrita u nulla l-kontro-talba tal-imħarrka Conċetta Cacciattolo u għalhekk ħelset lill-attriċi milli tħares il-ġudizzju dwar l-istess kontro-talba;

[1] Pagg. 47 sa 55 tal-process

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Jannar, 2001[2], li bih ħatret bħala Perit Tekniku lill-Arkitett Godwin Abela;

Rat ir-Relazzjoni tal-perit tekniku mressqa fil-21 ta' April, 2003[3], u minnu maħlufa quddiem il-Qorti waqt is-smigħ tas-26 ta' Novembru, 2003;

Rat il-verbali tas-smigħ tal-10 ta' Marzu, 2004, u tal-20 ta' Mejju, 2004, li bihom il-partijiet għarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jippruvaw jilħqu ftehim bejniethom barra l-Qorti;

Rat id-Degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2004, li bih u fuq talba b'rikors imressaq mill-partijiet fl-24 ta' Ġunju, 2004[4], ġabet is-smigħ tal-kawża 'l quddiem għat-8 ta' Lulju, 2004;

Rat l-abbozz ta' ftehim mehmuż mal-imsemmi rikors u milħuq bejn il-partijiet għall-finijiet ta' transazzjoni, liema termini l-partijiet iridu li jkunu inkorporati f'sentenza;

Rat id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1718, 1723(2), 1725, 1726 u 1729 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-8 ta' Lulju, 2004, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet attriċi billi tagħti saħħa lill-ftehim milħuq bejn il-partijiet fil-kawża b'mod li:

**Fl-ewwel lok** l-imħarrkin Maria Conċetta Cacciattolo, Nażżareno Debono u Joseph Ellul *in solidum* bejniethom qegħdin jassenjaw u jitrasferixxu lill-attriċi Doris Apap li taċċetta għas-saldu ta' sehemha mill-eredita' ta' missierha Giuseppe Debono u tal-leġittima dovuta lilha mill-wirt ta' ommha Giorgia Debono, il-fondi:-

(a) Għaxra (10) [ġja mija u għaxra (110) u mija u ħdax (111)], Barracks Street, Qormi mikri lil terzi versu l-kera ta'

[2] Pag. 73 tal-process
[3] Pagg. 110 sa 220 tal-process
[4] Pag. 224 tal-process

erbgħin lira (Lm40) fis-sena u liema kera hi ta' qabel is-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) u soġġett għal lira Maltija (Lm1) ċens annwu u perpetwu, liema fond għandu valur ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm1,500); u

(b) l-fond urban numru ħamsa u tletin (35), Triq San Rafel, Ħal Qormi mikri lil terzi sittax-il lira Maltin (Lm16) fis-sena liema kirja hi ta' qabel s-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995), liema fond għandu valur ta' elf lira Maltin (Lm1,000);

liema żewġ fondi għandhom valur komplessiv ta' elfejn u ħames mitt lira Maltin (Lm2,500).

**Fit-tieni lok**, l-attriċi Doris Apap qegħda tassenja u titrassferixxi a favur tal-imħarrek Nażżareno Debono li jaċċetta u jakkwista ottava ($^1/_8$) parti indiviża tal-fond urban numru għoxrin (20) Cathedral Street, San Pawl il-Baħar sabiex b'hekk dan il-fond huwa fl-intjier propjeta' assoluta tal-istess Nażżareno Debono. Dan is-sehem għandu valur ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400).

**Fit-tielet lok** l-attriċi Doris Apap qegħda tassenja u titrasferixxi lill-imħarrka Maria Conċetta *sive* Connie Cacciattolo ottava ($^1/_8$) parti indiviża li għandha mill-fond:-

(a) numru sebgħa u sittin, disa' u sittin u wieħed u sebgħin (67, 69, u 71) (ġja erbgħa u erbgħin (44), ħamsa u erbgħin (45) u sitta u erbgħin (46)), Triq Don Mario, Qormi mikrija lil terzi versu l-kera ta' tmintax il-lira Maltin (Lm18) fis-sena liema kirja hi ta' qabel is-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), bil valur l-intier fond ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000);

(b) il-fond urban numru ħamsa u tletin (35), Dock Street, Msida li jinsab fi stat dilapidat u mhux abbitabli bil-valur ta' elf lira Maltin (Lm1000) l-intier.

B'hekk kollox komplessiv jammonta għal ħamest elef lira Maltin (Lm5,000) u għalhekk s-sehem trasferit għandu valur ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm625).

**Fir-raba' lok** l-attriċi Doris Apap qegħda tirratifika l-kuntratt ta' dikjarazzjoni *causa mortis* datat tmenja (8) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (1996) u l-att korrettorju ippublikat minn Nutar Dottor Antoine Aġius datat għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u disgħin (1996) in kwantu hu kompatibbli mal-arranġamenti hawn imfissra.

**Fil-ħames** lok l-attriċi Doris Apap qegħda tiġi awtorizzata tiżbanka sehemha mil-leġittima spettanti lilha mill-prezz tal-fondi numri ħmistax, sittax u sbatax (15, 16, u 17), Triq San Rafel, Ħal Qormi u mill-fondi  numri mitejn u tmenja u għoxrin, mitejn u disgha u għoxrin u mitejn u tletin (228, 229, u 230) Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, esproprjata mill-Gvern ta' Malta b'xiri assolut għal skopijiet pubbliċi – il-prezz ta' liema kien ġie depożitat biċ-Ċedola ta' Depożitu numru elf mitejn u tmintax sbarra elfejn (1218/00) fl-ismijiet "Il-Kummissarju ta'  l-Artijiet  vs  Dr. Peter Fenech et noe et";

**Fis-sitt lok** il-partijiet jiftehmu li l-ispejjeż ta' din il-kawża jinqasmu kwart kull wieħed, b'dan li l-ispejjeż tas-sentenza preliminari  mogħtija fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) għandhom jitħallsu mill-imħarrka Maria Conċetta *sive* Connie Cacciattolo;

**Fis-seba' lok k**ull parti għandha tagħmel tajjeb għall-ħlas tad-drittijiet tal-konsulent legali tagħha, magħduda d-drittijiet marbuta mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt nutarili li jifformalizza t-transazzjoni milħuqa;

**Fit-tmien lok** il-partijiet jiddikjaraw li m'għandhom l-ebda pretenzjoni oħra fil-konfront ta' xulxin u kull parti hija pjenament sodisfatta bil-kontenut ta' dan l-arranġament u li kwalsaisi ekwiparazzjoni hi mħallsa.

**Moqrija**

---------------------------------TMIEM---------------------------------